▫l
KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

T: +356 2133 7633
E: sliema.support@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦA TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 30

It-tletin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 28 t'April 2026, fis-6pm ġewwa The AX Palace Hotel, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | John Pillow | Sindku |
| 2 | Joe Aquilina | Kunsillier |
| 3 | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| 4 | John Dougall | Kunsilliera |
| 5 | David Soler | Kunsillier |
| 6 | Kevin Wain | Kunsillier |
| 7 | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Viċi Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:**

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 29;**

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**30.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**30.7 Mozzjonijiet;**

**30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**30.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri

Anton Debono

Emanuel Borg

Zack Zammit

Wallace Baldacchino

Ryan Borg

David Muscat

## 30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 29

**30.2.1** Kien hemm xi korrezzjonijiet hekk kif ġej:

David Soler Propona u Jacqueline Higgans issekondat

R Borg qal li: bord ta' esperti teknocratici idealment Residenti Slimizi sabiex jiġu evalwati dawn il-permessi.

## 30.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

30.3.1 **Xogħolijiet ta' Toroq u bankini fil-lokalita':**

Is-Sindku spjega li wara laqgħa mal-Insfrastructure Malta ġie finalizzat il-program ta' xogħolijiet tat-tarmac għat-toroq u bankini ta' Triq Ġafar, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Mons. Depiro, Triq il-Ħnejja u Triq San Pawl.

## 30.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

30.4.1 Il-Kunsilliera J. Higgans saqsiet meta il-kuntrattur ser jibda jiżbor is-siġar, matul il-promenade.

- Is-Sindku qal li qed nistennew permessi mil-ERA

30.4.2 Il-Kunsilliera V Galea Pace qalet li hemm bżonn *refreshing* ta' road markings ta' żebra crossings li hemm ix-Xatt.

- Sindku spjega li għadu kif ingħata t-tender lil kuntrattur u saret laqgħha magħhom kif se jitwettqu x-xogħlijiet skont it-tender

30.4.3 Il-Kunsilliera V Galea Pace Irrimarkat li hemm slabs imkissrin madwar il-*promenade.*

Il-Kunsillier J Aquilina, staqsa jekk hemmx xi aġġornament dwar il-problema tal-ħamiem.

- Is-Sindku qal li hemm entita li qegħda zzomm il-proċedura, dan għaliex qabel mal Health Department ikollhom permess minn ORNIS ma jkun jista jinbeda l-ebda process ieħor.
- Il-Kunsill f'dan ir-rigward qiegħed jistenna minn entitajiet oħra. Is-Sindku fakkar li meta l-Kunsill prova jieħu azzjoni ġie mwaqqaf biex il-Kunsill ma jikser l-ebda liġi

30.4.4 Il-Kunsillier J Aquilina saqsa fuq RPZ

- Is-Sindku spjega li fit-2013 din ġiet approvata mil-Ministeru u ġiet applikata għal ftit ġranet sakemm kien hemm ilmenti mil-pubbliku fosthom mill-għalliema tal-akwata u kien hemm deċiżjoni

li ma tiġix implimentata f'Tas-Sliema.

- Is-Sindku qal li madankollu il-Kunsill ma waqafx jiġġieled biex tingħata f'Tas-Sliema wkoll kif hemm fil-lokalitajiet oħra, u l-ħidma tkompli f'dan ir-rigward.

**30.5.4** Il-Kunsill ġie infurmat li issa li l-*office refurbishment* wasal fl-aħħar imtliet il-vacancy għal *full time cleaner* ingħalqet u l-persuna impjegata se tibda mill-4 ta' Mejju fuq skala 17.

**30.5.5** Is-SE informa li hemm bżonn tissejjaħ sejħa interna għal post vakant ta' Skala 15.

Kien hemm qbil unanimu.

## 30.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

**30.5.1** Ma kien hemm l-ebda rapporti immressqa għad-diskussjoni.

## 30.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**30.6.1** Is-Sindku pprezenta lista ta' Pagamenti 30_28 t'April 2026 minn numru 1 sa 85.

Ma dawn il-pagamenti tressqu wkoll żewġ fatturi li l-Kunsill irċieva llum.

Dawn pagabbli lil Rachel Formosa bħala d-Direttriċi Artistika SAF 2026 għall-ammont ta' Eur 2,400 għax-xhur Jannar sa Frar u Eur 2,400 għax-xhur Marzu sa April 2026 li dawn wara l-approvazzjoni se jidhru fl-iskeda li jmiss.

Il-Kunsillier J. Aquilina ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-kunsilliera J. Higgans issekondat.
Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsillera preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.**

## 30.7 MOZZJONIJIET

**30.7.1** Ma kien hemm l-ebda rapport ippreżentati waqt il-laqgħa

## 30.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**30.8.1** Is-seduta ntemmet fit-6:45pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa ta' April 2026 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **13 ta' Mejju 2026**

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |